MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 350/2008

**Av. Patrick Valentino bħala mandatarju speċjali f'isem l-assenti Linda Susan Holm**

***versus***

**Anton Borg**

1. Din is-sentenza hija dwar eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza ta' din il-qorti *ratione materiæ*.
2. L-attriċi fetħet il-kawża biex titlob il-bejgħ b'liċitazzjoni ta' beni immobbli li tagħhom il-partijiet huma komproprjetarji u biex jinqasam ir-rikavat wara li jitħallsu d-djun. Il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni illi l-immobbli huma parti tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet; għalhekk l-azzjoni li kellha ssir hija dik biex tinħall u tiġi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti, li tista' ssir biss quddiem il-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja, li weħedha għandha s-setgħa li tgħid kif u safejn igħoddu għall-każ id-dispożizzjonijiet tal-artt. 48, 51 u 52 tal-Kodiċi Ċivili.

3. Il-fatti relevanti huma dawn: Il-partijiet iżżewġu fir-Reġistru taż-Żwiġijiet ta' Malta fis-16 ta' Diċembru 1997, u għalhekk iż-żwieġ ġab bejniethom *ipso iure* l-komunjoni tal-akkwisti, kif igħid l-art. 1316(1) tal-Kodiċi Ċivili. Fl-20 ta' Ġunju 2006 iż-żwieġ kien maħlul b'dikriet ta' divorzju mogħti mill-qorti fid-Danimarka; dan id-dikriet huwa magħruf għall-effetti ċivili f'Malta billi l-konvenuta hija ċittadina tad-Danimarka.

4. Fid-dikriet ta' divorzju ma jidher li ngħata ebda provvediment dwar il-proprjetà tal-partijiet, u għalhekk, għalkemm il-jedd tal-partijiet għall-komunjoni tal-akkwisti ntemm meta nħall iż-żwieġ, kif igħid l-art. 1319 tal-Kodiċi Ċivili, il-komunjoni nfisha ma ġietx likwidata u maqsuma.

5. Il-likwidazzjoni u l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti ma ssirx bħall-qsim ta' beni komuni oħra għax, kif sewwa igħid il-konvenut fl-eċċezzjoni tiegħu, kif isir il-qsim jista' jintlaqat mid-dispożizzjonijiet tal-artt. 48, 51 u 52 tal-Kodiċi Ċivili. Kif u safejn il-qsim jintlaqat b'dawk id-dispożizzjonijiet ma tiddeċidihx dan il-qorti iżda s-Sezzjoni tal-Familja tal-Qorti Ċivili.

6. Il-qorti għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza *ratione materiæ* u teħles lill-konvenut mill-ħarsien tal-ġudizzju. L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandha tħallashom l-attriċi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------